# MALTA POOL ASSOCIATION

# REGOLAMENTI
# TAL-LOGHBA

## SEZZJONI A - IL-LOGHBA

1. Il-loghba ghanda tkun maghrufa bhala Pool u huwa d-dover tal-players li l-loghba dejjem tintlaghab fi spirtu sportiv. Ir-'referee' ghandu jiehu kull decizjoni neccessarja li tassigura li dawn ir-regolamenti jigu osservati.

2(a) Il-loghba tintlaghab b' 16 -il bocca, 7 homor, 7 sofor, sewda u l-bajda b' 'spots' homor.

(b) Il-loghba tintlaghab fuq mejda b' sitt 'pockets'.

(c) Il-mejda jrid ikollha 'spot' fil-pozzijoni li taqsam meta taqta' linja djagonali mic-centru tal- 'pockets' tan-nofs ghac-centru tal- 'pockets' tal-genb t' isfel.

(d) Il-pannu jrid ikun immarkat b' linja dritta (baulk) minn 'cushion' ghal 'cushion' u jkun f'porzzjon ta' 1 minn 5 tat-tul ta' l-ispazzju tal-loghob, faccata tal- 'cushion' bl-itwal distanza mill-ispot.

## SEZZJONI B - DEFINIZZJONIJIET

1. Kolp jibda meta l-bocci kollha jieqfu mill-kolp ta' qablu.

2. Bocca tinghad li hija maqtugha meta taqa' fil- 'pocket'.

3. Player ikun fil-kontrol tal-loghba mill-hin li l-bocci jieqfu mill-kolp ta' l-avversarju sakemm huwa jaghmel l-istess.

4. Il-loghba tintrebah meta player jaqta' grupp ta' bocci u wara jaqta' l-bocca s-sewda .

## SEZZJONI C - LOGHOB MILL-IDEJN

1. Loghob mill-idejn jista' jsir fl-ispazju bejn il-linja dritta (baulk) sa' l-'cushion' bl-iqsar distanza mill-istess linja (baulk line).

2. Il-bocca l-bajda jrid jkollha aktar minn nofsa il-gewwa, mill-linja dritta (baulk), meta tintlaghab mill-idejn.

3. Il-bocca l-bajda tista' titmexxa bl-idejn jew bil-genb ta' l-istikka. Ikun meqjus li nghata l-kolp meta l-bocca l-bajda titmiss bit-tip ta' l-istikka minn quddiem.

4. Il-bocca l-bajda tista' tintlaghab f'kull direzzjoni.

5. (a) Wara telfa (bajda gewwa l-pocket) il-player jew ir-referee ghandu jigbor il-bocca l-bajda minn gewwa il-kexxun fejn tinzel l-istess bocca

b). F’ kaz ta’ maskra fuq ‘foul’ jew wara maskra mantunella fuq ‘foul’ player irrid issaqsi lir- ‘referee’ biex jinghata l-bajda mill-idejn. Jekk player jonqos milli jaghmel jigi meqjus li ghamel ‘foul’ normali. (Ara Sez H 21)

**SEZZJONI D - IL-FTUH TAL-LOGHBA**

1. Il-bocci kollha ghandhom jigu migbura gewwa trijanglu bil-bocca s-sewda titpogga fuq l-ispot u dik ta’ quddiem tkun hamra.

2. Ir-rebbieh ta’ l-gholi tal-munita jrid jiftah il-loghba. F’kaz li jkunu ser jintlaghbu numru ta’ ‘frames’ il-ftuh jigi alternat .

3 (a) Il-ftuh jkun korrett jekk:

i. Bocca kulurita (barra s-sewda u l-bajda) tigi ippotjatta.
ii. Ta’ l-anqas erba’ bocci jahbtu ma’ l- ‘cushion’.

(b) Jekk il-ftuh ma jkunx korret skond 3a, ikun meqjus li sar ‘foul’ mhux normali u

i. L-avversarju jkollu zewg kolpi jkomplu.
ii. Il-bocci jerghu jigu migbura gewwa t-trijanglu.
iii. L-avversarju jerga jiftah bl-obligazzjoni li jaghmel ftuh korett .

(c) i. Jekk fi ftuh korrett tmur il-bocca l-bajda, jigi meqjus li sar ‘foul’ mhux normali u l-penalita tieghu tkun li l-kolp jaghdi ghand il-player avversarju .

ii. Jekk il-ftuh ma jkunx korrett u tmur il-bocca l-bajda regolarment Nru. 3b jigi appilkat .

4. Jekk fil-ftuh tmur il-bocca s-sewda u/jew ma’ xi bocci ohra (inkluza l-bajda) il-loghba terga tibda, bl-istess player jerga jiftah.

**SEZZJONI E - KOLPI LEGALI**

1. F’ kull kolp il-player jrid:

(a) Ihabbat il-bocca l-bajda ma’ bocca kulurita u fl-istess kolp:

(b) Jaqta’ bocca jew

Ihabbat il-bocca l-bajda jew il-bocca kulurita ma’ ‘cushion’.

2. Fin-nuqqas ta’ kolp legali jigi meqjus li jkun sar ‘foul’ normali .

3. Eccezzjonijiet:

(a) Fil-kolp ta’ ftuh il-kundizzjonijiet ta’ kolp legali ma jkunux applikabli . (Ara Sez D).

(b) Meta player ikun ser jilghab minn maskra totali, dan ikun obbligat li jissodisfa il-kundizzjoni ta' Nru. 1a. hawn fuq. (Ara Sez N)

4. Interpretazzjoni:

(a) Ma jigiex meqjus bhala kolp legali meta l-bocca l-bajda tintlaghab fuq bocca kulurita li tkun qeghda tmiss ma' l- 'cushion' u fl-istess waqt il-bocca kulurita ma' tahbatx ma' 'cushion' iehor jew minghajr ma' l-bajda tahbat ma' 'cushion'. Il-player irrid jikkonferma mar-'referee' jekk ikollu bocca vicin jew 'touching' mal-'cushion'.

(b) Ma jigiex meqjus bhala kolp legali meta bocca kulurita u l-bocca l-bajda jkunu imissu ma'l-istess 'cushion' u wara l-kolp bocca minnhom ma tahbatx ma' 'cushion' iehor.

## SEZZJONI F - L-GHAZLA TAL-KULURI

1. Generali:

(a) L-ghazla tal-kuluri ma tistghax issir fuq 'foul'.

(b) Meta l-kuluri jigu maghzla, il-player irrid jibqa' jilghab fuq l-istess kulur sa' tmiem tal-'frame'.

(c) Player li jonqos li jiddikjara kulur meta jkun mehtieg, jigi penalizzat b' 'foul' normali. F' kaz li jkunu gew ippotjati xi bocci, l-bocci jibqghu gewwa u jigu njorati.

2. Fil-ftuh tal-loghba:

(a) Jekk bocci kuluriti (homor jew sofor) ma jigux ippotjati l-mejda tkun meqjusa bhala 'open'.

(b) Meta fil-ftuh tmur bocca jew zewg bocci miz-zewg kuluri, il-player jkollu dritt li jaghzel il-kulur u jkun obligat li jiddikjara l-kulur qabel ikompli jilghab. Player li jonqos li jaghmel dan jinghata 'foul' normali kontrih u l-mejda tigi dikjarata 'open'.

(c) i. Jekk player jaghzel u jiddikjara kulur ta' bocca jew bocci li jkunu gew ippotjati fil-ftuh, jigri x' jigri fil-kolp ta' wara dak is- 'set' ta' bocci jibqghu ta' l-istess player.

ii. Jekk player jiddikjara kulur ta' bocca li ma' tkunx giet ippotjati fil-ftuh, l-istess player fil-kolp ta' wara jrid jippotja l-kulur tal-bocca dikjarata biex jibqa' jighab fuq l-istess kulur. Jekk dan ma jsirx l-avversarju jighab fuq mejda 'open'.

3. Wara l-ftuh:

(a) Meta player jippotja bocca jew bocci ta' l-istess kulur huwa jrid jibqa' jilghab fuq l-istess kulur.

(b) Meta player jippotja bocci miz-zewg kuluri, huwa jkun obligat li jiddikjara l-ghazla tieghu.  Jekk jonqos milli jaghmel dan, jinghata 'foul' normali kontrih u l-player avversarju jkollu mejda 'open'.

**SEZZJONI G - 'FOULS'**

Hemm erba' tipi ta' 'fouls'.  'Foul' normali, 'foul' mhux normali, 'foul' serju u 'foul' ta' telf ta' loghba.  Player jista' jigi penalizzat fuq foul wiehed fl-istess kolp.  Jekk isehhu aktar minn 'foul' wiehed fl-istess kolp, il-foul bl-akbar penalita jigi applikat.

**SEZZJONI H - 'FOULS' NORMALI**

'Fouls' normali, imnizzlin hawn taht, ghandhom jigu dikjarati mir- 'refree' u l-player fil-kontrol tal-loghba immedjatament jitlef il-kolp filwaqt li l-player avversarju jkollu zewg kolpi jkomplu .

1. Meta tmur telfa (Bocca bajda taqa' fil-pocket) barra fil-kolp ta' ftuh korret. (Ara Sez D 3ci)

2. Tippotja bocca ta' l-avversarju. (Barra meta tkun bocca dikjarata fuq maskra fuq 'foul' jew maskra tunnella fuq 'foul')

3. Tonqos milli tolqot bocca kulurita bil-bocca l-bajda.

4. Accidentalment tolqot il-bocca l-bajda b' parti mill-istikka barra mit-tip.

5. Accidentalment tolqot bocca kulurita b' kull parti ta' l-istikka.

6. Tilghab qabel il-bocci kollha jkunu weqfin.

7. Tilghab qabel il-bocci li jkollhom jigu spotjati, jkunu gew spotjati.

8 (a) Tmiss il-mejda b' sigarett jew b'xi tip ta' tipjip iehor (kemm mixghul u mitfi) fl-idejn jew fil-halq.

(b) Tmiss il-mejda b' tazza jew flixkun tax-xorb.

9. Tmiss il-mejda meta ma tkunx fil-kontrol tal-loghba. (Ara Sez. B 3)

10. Ma twarrabx minn mal-mejda mal-waqfien tal-bocci ta' l-ahhar kolp.

11. Struzzjonijiet:  Waqt il-loghob, il-player ghandu jilghab minghajr ma jircievi ebda struzzjonijiet.  Jekk membru tat-team jew sieheb player jaghdi xi struzzjonijiet, ir- 'referee' jaghti "L-ewwel u l-ahhar twiddiba" (Warning).  Jekk jergghu jinstemu xi struzzjonijiet ohra r- 'referee' jordna 'foul' normali kontra l-player ta' l-istess membru tat-team jew sieheb u l-player avversarju jkompli l-loghob.  Qabel tibda kull loghba r- 'referee' jista' jaghti "L-ewwel u l-ahhar twiddiba" (Warning) lill-players membri tat-timijiet u spettaturi taghhom.

12. Waqt il-‘frame’ titlaq il-kamra tal-mejda minghajr permess tar-referee.

13. Tonqos milli tiddikjara meta dan ikun mehtieg.

14. Tilghab karrozzin jew tolqot darbtejn kif spjegat f’ Sezzjoni L - “Karrozzin u Lqit dopju”.

15. Tonqos milli tilghab kolp legali. (Ara Sez. E)

16. Wara li tkun irbaht ‘foul’ fuq maskra jew ‘foul’ fuq maskra tunnella, tilghab fuq bocca jew bocci ta’ l-avversarju jew fuq il-bocca s-sewda minghajr ma’ l-ewwel tkun iddikjarajt.

17. Tilghab meta ma jkollokx ta’ l-anqas sieq wahda tmiss ma’ l-art.

18. Tonqos milli tilghab ‘Away’ meta tkun f’pozzizjoni ‘touching’.

19. Bocca li taqbez u tibqa barra mill-ispazju tal-loghob.

20. Tmiss bocca bi hwejgek jew b’ persuntek.

21. Player involut fil- ‘frame’ jaghmel uzu mil- ‘mobile phone’

## SEZZJONI I - ‘FOULS’ MHUX NORMALI

‘Fouls’ mhux normali, mnizzlin hawn taht, ghandhom jigu dikjarati mir- ‘referee’, u l-player fil-kontrol tal-loghba immedjatament jitlef il-kolp. Wara r- ‘referee’ jordna l-penalita. ‘Fouls’ mhux normali jissejhu b’dan il-mod minhabba li l-penalita u jew l-pozzjoni ta’ l-avversarju tista’ tvarja.

1. Tonqos milli taghmel ftuh korret. (Ara Sez D 3a/b)

2. Tippotja l-bocca l-bajda fil-kolp ta’ ftuh li jkun korret. (Ara Sez D 3ci)

## SEZZJONI J - ‘FOULS’ SERJI

‘Fouls’ serji, mnizzlin hawn taht, ghandhom jigu dikjarati mir-‘referee’ u l-player fil-kontrol tal-loghba, immedjatament jitlef il-kolp. Wara r-‘referee’ ghandu jpoggi l-bocci fejn kienu orginarjament qabel sar il-‘foul’ u l-avversarju jkollu zewg kolpi jkomplu.

1. Tilghab meta ma’ jkunx imissek.

2. Deliberatament tilghab b’ bocca tal-kulur minflokk bil-bocca l-bajda.

3. Deliberatament iccaqlaq bocci f’ tali manjiera li ma jirrizultax li jkun intlaghab kolp normali.

4. Deliberatament tilghab il-bocca l-bajda b' hagga/ogett li mhux it-tip ta' l-istikka.

5. Deliberatament iggieghel il-bocca l-bajda taqbez direttament bocca ohra.

6. Deliberatament tinterferixxi bil-kliem jew azzjoni biex tfixxkel lill-avversarju.

## SEZZJONI K - 'FOULS' TA' TELF TAL- LOGHBA

'Fouls' ta' telf tal-loghba, mnizzlin hawn taht, huma 'fouls' li meta jsiru l-player fil-kontroll tal-loghba jigi dikjarat tellief ta' dak il- 'frame'.

1. Taghmel 'foul' u fl-istess hin tmur is-sewda. (Barra fil-kolp tal-ftuh)

2. Tippotja l-bocca s-sewda meta is- 'set' ta' bocci kuluriti ma jkunx gew ippotjati kollha. (Barra fil-kolp tal-ftuh)

3. Tippotja l-bocca s-sewda u fl-istess kolp tippotja l-ahhar bocca kulurita.

4. Tikkomenti zewg 'fouls' serji fl-istess 'frame'.

5. Tikkomenti 'foul' serju li tgerfex il-bocci tant li r-referee juri li ma jistax ippogijhom f' posthom. (Eccezzjoni - meta player jilghab meta ma jkunx imissu {Sez. J 1}, ir- 'referee' ghandu jaghti d-dritt lil player avversarju l-ghazla li jilghab kif ikunu l-bocci jew jerga jibda l- 'frame' mill-bidu, bl-istess player jerga' jiftah.

6. Kull attentat deliberat b' foul serju jew b' manuvri anti-sportivi, li ma jhallix lil avversarju jippotja l-bocca s-sewda meta jkun qieghed jilghab fuqha.

7. Player li serjament iwwaqqa ghac-cajt lis-spirtu sportiv tal-loghba.

## SEZZJONI L - KARROZINI U LQIT DOPPJU

1. Definizzjoni: Hafna mill-kolpi msejjhin karrozini huma legali fil-loghba. Generalment kolpi b' sahhithom ma' jkunx meqjusa bhala karrozini sakemm il-bocca l-bajda ma' tintlaqatx darbtejn bit-tip ta' l-istikka.

2. Eccezzjonijiet li jigu meqjusa bhala 'fouls' normali:

(a) Meta f' kolp tolqot darbtejn il-bocca l-bajda bit-tip ta' l-istikka. (Tirtokkja)

(b) Meta f' kolp milghub bil-mod it-tip ta' l-istikka jibqa' f' kuntat ma' l-bocca l-bajda tant li tkun tidher li l-bajda qeghda tigi mkaxxkra.

(c) Meta l-bocca l-bajda tintlaghab fuq bocca li tkun qeghda 'touching'.

## SEZZJONI M - MASKRI

1. Definizzjoni: Player ikun maskra meta jkun impossibli li b' kolp dirett jolqot il-ponta tat-tarf taz-zewg nahat ta' kull bocca tas- 'set' tieghu.

## SEZZJONI N - MASKRI TOTALI

1. Definizzjoni: Player ikun f' maskra totali meta jkun impossibli jolqot xi parti minn bocca jew bocci tal-kulur tieghu.

2. Player li jahseb li jkun f' maskra totali, kemm fuq il-kolp tieghu kif ukoll wara l-kolp ta' l-avversarju, jrid issaqsi lir- 'referee' biex dan jikkonferma .

3. Meta 'referee' jikkonferma maskra totali, l-obligazzjoni tal-player tkun li jolqot bocca tal-kulur tieghu biss. (Ara Sez . E 3b)

## SEZZJONI O - MASKRA FUQ 'FOUL'

1. Definizzjoni: Meta player jaghmel foul u dan jirrizulta li l-player avversarju jigi maskra, il-player avversarju jkun imsejjah li qieghed maskra fuq 'foul'.

2. Player li jahseb li jkun maskra fuq 'foul', irrid issaqsi lir- 'referee' biex dan jikkonferma.

3. Meta 'referee' jikkonferma maskra fuq 'foul', il-player li jkun imiss jkollu dawn l-ghazliet:

(a) Jilghab mill-pozzizzjoni ta' kif ikunu l-bocci (Ara 4a taht)
jew
(b) Issaqsi lir-referee biex jilghab mill-idejn. (Ara 4b taht)

4 (a) i. Meta player jaghzel li jilghab mill-pozzizzjoni ta' kif ikunu l-bocci, l-player jekk ikun irrid, jista' jilghab fuq il-bocca s-sewda (Ara 5 taht) jew bocca ta' l-avversarju. Il-player qabel jilghab irrid jiddikjara fuq liema bocca ser jilghab.

ii. Wara li bocca tkun dikjarata, fll-ewwel kolp biss, din tigi kunsidrata tal-player li jkun ser jilghab. Wara l-player jista' jilghab fuq il-bocci tieghu jew fuq il-bocca dikjarata. Jekk bocca jew bocci tal-player jew il-bocca dikjarata tigi ippotjata, il-player jifdalu zewg kolpi jkomplu.

(b) Jekk il-player jaghzel li jilghab mill-idejn (Ara Sez C 5b) , maskra fuq 'foul' ma tigiex aktar kunsidrata. Jekk mill-idejn ir- 'referee' jiddikjara li l-player ikun ghadu maskra fuq 'foul' il-player irrid jiddikjara bocca u jipprocedi skond 4a ta' hawn fuq.

5. Player li jiddikjara sewda jista' jilghab fuqha pero ma jistax jippotjha ghax jitlef il-loghba.

6 Jekk player ikun fuq is-sewda u jkun maskra fuq ‘foul’, il-player jista’ jilghab fuq bocca dikjarata jew fuq is-sewda u jippottja bocca minnhom jew iz-zewg bocci f’ kolp wiehed.

Sakemm il-player ma jaghmilx ‘fouls’

i. Jekk la s-sewda u l-anqas il-bocca dikkjarata ma tigi ippotjata, il-player ikompli bit-tieni kolp.

ii. Jekk il-bocca dikjarata tigi ippotjata u s-sewda le, il-player jibqalu zewg kolpi jkomplu.

iii. Jekk il-bocca s-sewda kif ukoll il-bocca dikjarata jigu ippotjati t-tnejn, il-player jirbah il- ‘frame’.

7. F’kaz ta’ maskra fuq ‘foul’ u l-bocca l-bajda tkun ‘touching’ ma’ bocca ta’ l-avversarju, l-player jekk irrid, jista’ jinnomina dik il-bocca ‘touching’.

8. Player ma jigiex meqjus f’ pozzizjoni ta’ maskra fuq ‘foul’ b’ bocca tal-kulur tieghu stess. Jekk bocca tal-kulur tieghu qeda tostakola, ghal fini ta’ maskla fuq ‘foul’, din tigi njorata.

9. Ghal fini ta’ maskra fuq ‘foul’, jekk ‘cushion’ ikun qieghed itellef il-bocca milli tintlaqat kollha, dan jigi njorat.

## SEZZJONI P - MASKRA MANTUNELLA FUQ ‘FOUL’

Jekk player fuq ‘foul’ ta’ l-avversarju jigi maskra mantunella, l-player jigi msejjah li jkun maskra mantunella fuq ‘foul’ u ghal dan, ir-regolamenti ta’ maskra fuq ‘foul’ japplikaw.

## SEZZONI Q - BOCCI ‘TOUCHING’

1. Generali: Jekk il-bocca l-bajda tkun qeghda tmiss bocca kulurita (touching), l-player huwa obligat li jilghab ‘Away’. (Minghajr ma’ bocca l-bajda tmiss il-bocca kulurita)

2. Meta l-kuluri jkunu gew maghzula:

(a) Tilghab ‘Away’ minn bocca ‘touching’ tal-kuluri tieghek :

Meta player jilghab ‘Away’ minn bocca ‘touching’ tal-kuluri tieghu, huwa jigi meqjus li jkun laghab fuq l-istess bocca. Ghalhekk, il-player ikun jehtieg li jew jippotja bocca jew ihabbat bocca li tkun ma’ l- ‘cushion’ biex ikun issodisfa r-regolamenti ta’ kolp legali. (Ara Sez . E)

(b) Tilghab ‘Away’ minn bocca ‘touching’ ta’ l-avversarju:

Il-player irrid jilghab ‘Away’ u jissodisfa r-regolamenti ta’ kolp legali. (Ara Sez E)

(c) i. Tilghab ‘Away’ mill-bocca s-sewda meta tkun qieghed tilghab fuqha:

Meta jkun qieghed jilghab fuq is-sewda, l-player irrid jilghab ‘Away’ u jrid ihabbat bocca li tkun (barra s-sewda) ma’ ‘cushion’ biex jissodisfa r-regolamenti ta’ kolp legali.

ii. Tilghab ‘Away’ mill-bocca s-sewda meta ma tkunx qieghed tilghab fuqha:

Il-player irrid jilghab ‘Away’ mill-bocca s-sewda u jiddodisfa r-regolamenti ta’ kolp legali. (Ara Sez E)

(d) Tilghab ‘Away’ minn zewg bocci jew aktar ‘touching’ :
i Jekk xi bocca ‘touching’ tkun tal-player , il-player jigi kunsidrat li laghab ‘Away’, meta jilghab ‘Away’ minn fuq bocca (wahda) tal-kulur tieghu. Dan ifisser li l-player jista’ jilghab fuq il-bocci l-ohra li jkunu ‘touching’ basta wahda minn tal-kulur tieghu ma ticcaqlaqx. Barra dan il-player irrid ihabbat bocca ma’ ‘cushion’ biex ikun issodisfa r-regolamenti ta’ kolp legali .

ii. Jekk l-ebda bocca ‘touching’ ma tkun tal-kulur tal-player , il-player irrid jilghab ‘Away’ mill-bocca kollha u jissodisfa r-regolamenti ta’ kolp legali . (Ara Sez . E)
3. Meta l-kulur ma jkunx ghandu ntaghzel:

(a) Meta player jkun fuq mejda ‘open’ jrid jilghab ‘Away’ minn bocca ‘touching’ u huwa jigi kunsidrat li laghab fuq dik il-bocca. Barra dan il-player irrid ihabbat bocca ma’ ‘cushion’ biex ikun issodisfa r-regolamenti ta’ kolp legali.

(b) Meta player jkun ‘touching’ ma’ l-bocca s-sewda, huwa jrid jilghab ‘Away’ minnha u jissodisfa r-regolamenti ta’ kolp legali. (Ara Sez E)

(c) Meta player ikun ‘touching’ ma’ zewg bocci jew izjed il-player irrid jilghab ‘Away’ minn bocca minnhom u jigi kunsidrat li laghab fuq dik il-bocca li ma tkunx iccaqilqet . Barra dan huwa jrid ihabbat bocca ma’ ‘cushion’ biex ikun issodisfa r-regolamenti ta’ kolp legali.

## <u>SEZZJONI R - BOCCI BARRA L-MEJDA</u>

1. Meta bocca taqbes u tibqa barra l-ispazzju tal-loghob, (sakemm ma’ tkunx giet ippotjata) jigi meqjus li jkun sar ‘foul’ normali .

2. Definizzjonijiet u Ezempji :

(a) L-ispazju tal-loghob: L-ispazju tal-loghob huwa bejn il- ‘cushion’ opposti tal-mejda.

(b) i. Wahidha: Ma’ jigiex meqjus ‘foul’ jekk bocca tohrog mill-ispazju tal-loghob, timxi fuq il-mantunella jew fuq il-mejda u terga taqa’ f’ ‘pocket’.

ii. Huwa ‘foul’ normali jekk bocca tohrog mill-ispazju tal-loghob, tahbat jew tmiss ma’ persuna jew oggett li mhux il-mejda tal-loghob u terga taqa’ fl-ispazju tal-loghob jew taqa’ f’ ‘pocket’.

(c) Barra il-mejda: Huwa ‘foul’ normali jekk bocca tohrog mill-ispazju tal-loghob u tieqaf barra l-ispazju tal-loghob bhal ezempju fl-art jew fuq il-muntunella.

(d) ‘Spotted’: Bocca tigi spotjata meta c-centru taghha jitpogga fuq l-ispot. Jekk dan ma jkunx possibli l-bocca titpogga l-eqreb possibli (minghajr ma’ tkun ‘touching’) ta’ l-ispot fl-linja dritta bejn l-ispot u l-‘cushion’ bl-iqsar distanza mill-istess ‘spot’ faccata tal-‘baulk line’. Jekk ikun hemm bzonn ta’ ‘spotting’ ta’ aktar minn bocca wahda dan issir b’din l-ordni:

i. Il-bocca s-sewda
ii. Il-bocca jew bocci homor
iii. Il-bocca jew bocci sofor

3. Jekk bocca tohrog u tibqa barra mill-ispazzju tal-loghob din tigi ritornata fuq il-mejda.

i. Jekk tkun il-bocca l-bajda tintlaghab mill-idejn
ii. Jekk tkun bocca ta’ kulur tigi spotjata.

## SEZZJONI S - BOCCI LI JAQGHU MINGHAJR MA’ JINTLAQTU

Jekk bocca mdendla taqa’ wahida, din terga’ titella, titpogga fejn kienet originarjament u jitkompla l-loghob.

## SEZZJONI T - INTERFERENZA

1. Jekk xi bocca jew bocci jigu mcaqilqa waqt il-loghob:

(a) Minn persuna li ma’ ghandix x’ taqsam mal-loghba jew

(b) Jekk player jigi milqut u jigu xi bocci mcaqilqa jew

(c) Minn intervent iehor li jkun meqjus mhux f’ kontroll tal-player bhal:

i. Att tan-natura
ii. Tip jew ‘rest/spider’ li jinqala’ mill-istikka

Ir-‘referee’ ghandu jirranga l-bocci fl-eqreb pozzizjoni li kienu originarjament u l-player fil-kontroll tal-loghba jkompli bil-kolp tieghu.

## SEZZJONI U - WAQFIEN TAL - LOGHBA

Sitwazzjoni fejn player ma jkunx jista' jilghab kolp legali minghajr ma' jaghmel 'foul' tista jseh waqt il-loghba. F' din is-sitwazzjoni l-player ma jkollu l-ebda ghazla hlif dik li jaghmel 'foul'.

Ir-'referee' ghandu jiddikjara waqfien tal-loghba jekk iz-zewg players, wara tliet kolpi kull wiehed, jilghabu kolpi minghajr ma jolqtu bocci. F' dan il-kaz il-loghba terga tibda bl-istess player jerga jiftah .

## SEZZJONI V - IR - 'REFEREE' U D - DMIRIJIET TIEGHU

1. Id-decizzjoni tar- 'referee' hija dejjem finali .

2. Informazzjoni:

(a) Il-player huwa responsabli li jkun jaf ir-regolamenti kollha. Ghaldaqstant ir- 'referee' mhux obligat li jispjega jew jikkwota regolamenti lill-players.
(b) 'Referee', jekk ikun mistoqsi mill-player, jista' jaghti informazzjoni fuq il-passat jew il-present tal- 'frame' bhal per ezempju: "Min imissu jilghab?" (Present) - "Dak kien 'foul'?" (Passat) - "X' kulur huma l-bocci tieghu?" (Present). Ghaldaqstant mistoqsijiet regward il-futur, bhal ezempju, "Jekk nilghab hekk ikun 'foul'?", ma jistghux jigu risposti mir-'referee'.

3. Ir- 'referee' ghandu jiddikjara 'fouls' mill-ewwel kif isehhu u l-player fil-kontroll tal-loghba immedjatament jitlef il-kolp.

(a) 'Fouls' normali ghandhom jigu maghjta - "Foul, zewg kolpi ". (Foul, two shots)

(b) 'Fouls' mhux normali ghandhom jigu maghjta - "Foul u l-penalita".
(c) 'Fouls' serji ghandhom jigu maghjta - "Foul serju, zewg kolpi". (Serious foul, two shots)

(d) 'Fouls' ta' telf tal-loghba ghandhom jigu maghjta - "Foul, tmiem il-loghba". (Foul, Game)

4. Ir- 'referee' ghandu dejjem jiddikjara meta bocci jkunu 'touching'.

5. Ir- 'referee' huwa obligat li jaghraf lill-player, li jkun ser jilghab mill-idejn, jekk ikun ser jilghab barra l-linja dritta (Baulk). (Sez. C2)

## SEZZJONI W - HIN ALLOKAT (Jintuzaw f' kompetizzjonijiet Individwali)

1. Player ghandu massimu ta' 60 (sittin) sekonda biex jilghab kolp wiehed.

2. It-'timekeeper' jibda jiehu l-hin minn meta l-bocci kollha jkunu waqfu mill-kolp ta' qabel.

3.	Meta jaghdu l-ewwel tlettin sekonda, t-'timekeeper; jindika lil player li jkun imissu jilghab u jghid , "Thirty seconds remaining". Dan irrid issir ezattament kif jaghdu l-ewwel tlettin sekonda. It-'timekeeper' ghandu xorta jindika li jkunu ghaddew l-ewwel tlettin sekonda jekk il-player ikun ser jaghti l-kolp.

4.	Jekk kolp ma jintlaghabx fi zmien sittin sekonda jinghata foul mhux normali u l-player avversarju jkollu zewg kolpi. Il-player li jkun ser jilghab jista' jaghzel li jilghab iz-zewg kolpi mill-pozzjoni ta' kif ikunu l-bocci jew jista' jaghzel li jilghab iz-zewg kolpi bil-bocca l-bajda mill-idejn.

5.	Ir-'referee' jista' jitlob li jieqaf il-hin jekk:

(a) Jigi mitlub minn player meta xi haga tkun qeghda ittelfu

(b) Jahseb li jkun hemm bzonn bhal meta jkollu decizzjoni difficli jew meta jkollu bzonn ta' xi 'rest' jew 'spider' li jkun mitlub mill-player